# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 663/2023 GG**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**vs**

**Pierre Baldacchino (KI 219079M) u Adisa Baldacchino (KI 99116L, gia KI 54162A)**

**Kawza Nru: 23**

Illum 18 ta' Jannar 2024.

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors Guramentat tas-socjeta HSBC Bank Malta p.l.c.** ippreżentat quddiem din il-Qorti fis-27 ta' Gunju 2023 bis-segwenti premessi u talbiet:

1. Illi l-bank attur kien ta lill-konvenuti konjuġi Baldacchino tliet faċilitajiet bankarji konsistenti fis-segwenti u ċioè:

a) Self tat-tip *Maxicredit* għas-somma ta' ħamsa u erbgħin elf Ewro (€45,000) li ngħata permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Spiteri tat-22 ta' Ottubru 2010 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. A); dan l-istess self (bil-kont numru 18068796) ingħata abbażi ta'

*Sanction Letter* tad-29 ta' Settembru 2010 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. B);

b) Self tat-tip *Home Loan* għas-somma ta' sebgħa u erbgħin elf Ewro (€47,000) li ngħata permezz ta' kuntratt ieħor fl-atti tan-Nutar Dottor John Spiteri tat-22 ta' Ottubru 2010 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. C); dan l-istess self (bil-kont numru 16123194) ingħata abbażi ta' *Sanction Letter* ukoll tad-29 ta' Settembru 2010 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. D);

c) Self tat-tip *Maxicredit* għas-somma ta' ħamsa u ħamsin elf Ewro (€55,000) li ngħata permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Spiteri tal-24 ta' April 2012 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. E); dan l-istess self (bil-kont numru 18077981) ingħata abbażi ta' *Sanction Letter* tat-28 ta' Marzu 2012, emendata permezz ta' ittra tas-17 ta' April 2012 (kopji hawn annessai u mmarkati Dok. F u Dok. G rispettivament);

2. Illi għalkemm għal numru ta' snin il-konvenuti kienu regolari fil-pagamenti mensili dovuti lil Bank ai termini tal-precitati kuntratti u *Sanction Letters* relattivi, ġara li,fis-sena 2021, dawn il-pagamenti waqfu għal kollox;

3. Illi minkejja li l-Bank interpella lill-konvenuti Baldacchino sabiex iħallsu l-arretrati dovuti minnhom u dan permezz ta' ittra ufficjali bin-numu 1896/22 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. H), huma baqgħu inadempjenti u għaldaqstant huma ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom skond il-kundizzjonijiet kemm tas-*Sanction letters* kif ukoll tal-kuntratti ta' self relattivi;

4. Illi għalhekk, fit-30 ta' Mejju 2023, il-konvenuti Baldacchino kienu debituri tal-Bank attur fis-segwenti ammonti u ċioè:

a) Erbgħin elf u mitt Ewro (€40,100), dovut fuq il-kont numru 18068796 (skont prospett hawn anness u mmarkat Dok. I) in kwantu għas-somma ta' ħamsa u tletin elf, tmin mija u tmienja u ħamsin Ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€35,858.96) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom u r-rimanenti somma ta' erbat elef, mitejn u wieħed u erbgħin Ewro u erba' ċenteżmi (€4,241.04) bħala imgħaxijiet ikkalkulati sa dakinhar;

b) Ħamsa u għoxrin elf, disa' mija u tletin Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€25,930.38), dovut fuq il-kont numru 16123194 (skont prospett hawn anness u mmarkat Dok. J) in kwantu għas-somma ta' tlieta u għoxrin elf, ħames mija u tlieta u tmenin Ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€23,583.79) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom u r-rimanenti somma ta' elfejn, tlett mija u sitta u erbgħin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€2,346.59) bħala imgħaxijiet ikkalkulati sa dakinhar;

c) Wieħed u ħamsin elf, mija u tlett Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€51,103.76), dovut fuq il-kont numru 18077981 (skont prospett hawn anness u mmarkat Dok. K) in kwantu għas-somma ta' ħamsa u erbgħin elf, sitt mija u tlieta u tmenin Ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€45,683.31) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom u r-rimanenti somma ta' ħamest elef, erba' mija u għoxrin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€5,420.45) bħala imgħaxijiet ikkalkulati sa dakinhar.

GHALDAQSTANT, in vista tal-premess, u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna u neċessarja, il-bank attur umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti Baldacchino huma solidalment bejniethom debituri tal-Bank attur fis-somma kumplessiva ta' mija u sbatax-il elf, mija u erbgħa u tletin Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€117,134.14) dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħaxijiet legali ulterjuri mill-31 ta' Mejju 2023 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti Baldacchino, solidalment bejniethom, iħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' mija u sbatax-il elf, mija u erbgħa u tletin Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€117,134.14) dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħaxijiet legali ulterjuri mill-31 ta' Mejju 2023 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali datata 29 ta' Lulju 2022 (Ittra Numru 1896/22) u tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 961/23 fl-istess ismijiet premessi, kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors Guramentat promotur.

Rat illi l-konvenuti kienu debitament notifikati bir-rikors maħluf u bl-avviz ta' smigh fit-30 t'Ottubru, 2023;

Rat illi fis-7 ta' Novembru, 2023, il-konvenuti intavolaw nota fl-atti ta' din il-kawza li biha ammettew it-talbiet tal-Bank attur liema

ammissjoni hija iffirmata u mahlufa miz-zewg konvenuti u ghalhekk kienet registrata ferm qabel l-ewwel appuntament tal-kawza li kien iffissiat ghad-9 ta' Jannar, 2024;

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Jannar, 2024, il-Bank attur pprezenta nota li biha rriduca l-pretensjoni tieghu ghas-somma ta' €114,406.66 oltre l-imghax legali mid-9 ta' Jannar, 2024 sal-effettiv pagament.

Rat l-atti;

Ikkunsidrat:

1. Illi minn ezami tal-atti processwali u d-dokumenti hemm annessi, jirrizulta illi l-ammissjoni tal-konvenuti hija wahda li l-Qorti tqis bhala li tirrifletti l-fatti tal-kaz ;

2. Illi mill-istess atti jirrizulta illi l-Bank attur huwa kreditur tal-konvenuti kawza ta' self moghti lilhom u li minkejja li ghal zmien kienu regolari fil-pagamenti mensili taghhom l-istess debituri baqghu inadempjenti ghall-kumplament. Ghalhekk u ma tarax ghaliex ghandha tinoltra aktar minn hekk ghajr li tiddikjara t-talbiet, kif ridotti, huma misthoqqa;

Ghal dawn ir-ragunijiet u wara ammissjoni, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kif ridotti u konsegwentement:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti Pierre Baldacchino u Adisa Baldacchino kif identifikati *supra* huma solidament bejnithom debituri tal-Bank attur fis-somma kumplessiva ta' mija u erbatax-il elf erba' mija u sitt Euro u sitta u sittin centezmu (€114,406.66) oltre l-imghaxijiet legali mid-9 ta' Jannar, 2024 sal-pagament effettiv;

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti Baldacchino, solidalment bejnithom, ihallsu lill-Bank attur s-somma ta' mija u erbatax-il elf erba' mija u sitt Euro u sitta u sittin centezmu (€114,406.66) oltre l-imghaxijiet legali mid-9 ta' Jannar, 2024 sal-pagament effettiv;

L-ispejjez ta' din il-procedura, dawk tal-ittra ufficcjali tad-29 ta' Lulju 2022 u tal-mandat ta' sekwestru numru 961/23 huma a karigu tal-konvenuti.

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**
**Imħallef**

**Nicole Cini**
**Deputat Reġistratur**